# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**Tlieta u għoxrin (23) ta’ Marzu 2021**

**Rikors Numru 75/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Nicola Micallef (ID 597839M**

**Vs**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta’ Lulju 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi permezz ta' sentenza datata disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru elfejn u ħmistax (2015), il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet : Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Micallef Nicola (ID 0597839M) sabet lir-rikorrenti ħati, u dan wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), paragrafu (a) proviso Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 16(1) u 17(a), Regolament 13, Taqsima b, Regolament 7, Taqsima C, Sitt Skeda tal- Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta’ Malta u kkundannatu għall-multa kumplessiva elf u ħames mitt (€1,500) ewro u sentejn priġunerija sospiżi għall-erbgħa snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet*

*ta' Malta kif ukoll konfiska tal-vettura numru tar-reġistrazzjoni BAD 081;*

2. *Illi permezz ta' rikors tal-appell (App.num 514/2015ANM) preżentat mill-Avukat Ġenerali fis-17 ta' Novembru 2015 dan ssottometta li tali sentenza għandha tiġi revokata billi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti ma kinetx fix-xorta jew kwantita tagħha dik kontemplata fil-liġi għar-reat li fuqu l-esponenti ġie kkundannat u dan jekk hekk milqugħ l-appell jitlob tiġi nflitta piena qawwija u sproporzjonata.*

3. *Illi l-esponenti mingħajr ma kien edott mill-fatt li ġie mressaq l-appell hawn imsemmi ħallas l-multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) fl-20 ta' Jannar 2016.*

4. *Illi minn dan l-appell l-esponenti qiegħed iħossu aggravat u dan għax l-artikoli nvokati mill-imsemmi intimat jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tiegħu u dan kif sanċiti u protetti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Charter of Fundamental Rights) preċiżament l-artikolu jgħid li "is-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat".*

5. *Illi l-każ qam f'dawn iċ-ċirkostanzi li fl-24 ta' Ottubru 2008, il-Pulizija investigaw rapport dwar persuna anzjana li kienet qed tqassam is-sigaretti u l-alcohol li fuqhom id-dazju ma kienx imħallas, l-istess anzjan kien jagħmel użu mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 li kienet tgħajjat lilu u l-Pulizija waqfet il-vettura u nstabu ħames kartuniet tas-sigaretti mingħajr dazju imħallas u wara, waqt it-tfittxija fir-residenza ta' l-esponenti instabu oġġetti ta' kuntrabandu konsistenti f'sigaretti u xorb u wara li saru l-investigazzjonijiet opportuni, l-esponenti tressaq quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex iwieġeb għall-akkużi prodotti.*

6. *Illi mill-oġġetti hekk konfiskati ai termini tal-liġi nostrali u in linea ma' dik Ewropeja dawn kellhom l-valur ammontanti ta' sitt mija u tnejn u erbgħin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€642.65) u magħhom intalab l-ħlas tad-dazju tas-Sisa fl-ammont ta' elf, seba' mija u tmienja u disgħin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,798.83), kif ukoll dazju ta' l-importazzjoni fl-ammont ta' mitejn u tnejn u sebgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€272.92) kif ukoll taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-ammont ta' erba' mija u tmienja u tmenin ewro u disa u ħamsin ċenteżmu (€488.59) komplessivament tlett elef, mitejn u żewġ ewros u disgħa u disgħin ċenteżmu (€3,202.99c).*

7. *Illi l-esponenti kien akkużat ukoll talli fid-9 ta' Ottubru 2008 iddispona minn dawn u ntalab l-ħlas segwenti fil-valur totali ta' seba' mija u ħamsa u sittin ċenteżmu (€700.65), id-dazju tas-Sisa dovut ta' elfejn u ħmistax-il-ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€2,015.62) fir-rigward ta'*

*sigaretti u tabakk, u dazju ta' importazzjoni ta' tlett mija u sitt ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€306.33) u t-taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T) jammontaw għal ħames mija u erbgħa u erbgħin ewro u seba' ċenteżmi (€544.07.) komplessivament is-somma ta' tlett elef, ħames mija u sitta u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€3,566.67c).*

8. *Illi ai termini tal-akkuża dawn huma l-artikoli relevanti li bihom fil-qosor l-esponenti qiegħed jiġi akkużat u ċioe' Kapitlu 37 Ordinanza tad-Dwana, Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u kif ukoll ai termini tal-paragrafu (a) proviso Artiklu 62 tal- Kap 37 Artikolu 16(1) u 17(a), Regolamenti 13 taqsima b, Regolment 7, Taqsima C, Kapitolu 382 Sitt Skeda, Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli u Kapitolu 406 - Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Artikolu 80.*

9. *Liema artikolu 80 jiddikjara s-segwenti (1) id-disposizzjonijiet tal-artikoli 18, 60 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għal dan l-Att bħallikieku kull riferenza għal dazji li tinsab f'dawk l-artikoli li kienet riferenza għal taxxa dovuta taħt dan l-Att, u kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dawk l-artikoli li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar xi oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi suġġetta għal taxxa taħt dan l-Att tkun ħatja, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollha taħt l-Ordinanza msemmija, ta' reat taħt dan l-Att u tista' għal kull reat bħal dak, teħel multa li tkun ekwivalenti għal tlett darbiet it-taxxa li jkollha titħallas jew multa ta' tliet mija u ħamsin euro (€350), skont liema tkun l-akbar, b'dan illi terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dawk il-multi u priġunerija flimkien, u min jagħmel ir-reat jista' jew jinżamm jew jittieħdu proċedimenti kontrih b'taħrika, bl-istess mod u għamla, u skont id-disposizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-kodiċi kriminali u li (2) id-disposizzjonijiet tal-artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw dwar dawk l-oġġetti li l-importazzjoni tagħhom tkun suġġetta għat-taxxa taħt dan l-Att bħal li kieku kull riferenza li tinsab f'dik l-ordinanza għad-dazju msemmi f'dik l-ordinanza kienet ukoll riferenza għat-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att u li (3) l-importazzjoni ta' oġġetti suġġetti għat-taxxa taħt dan l-Att għandha titqies, għall-finijiet kollha ta' kull liġi, bħala importazzjoni projbita kemm-il darba ma titħallasx it-taxxa imsemmija jew, meta il-ħlas tat-taxxa jkun ġie pospost skont xi disposizzjoni ta' dan l-Att, il-kundizzjonijiet imposti dwar dak il-posponiment ma jkunux tħarsu kif imiss.*

10. *Illi tali disposizzjonijiet legali huma parti sħiħa mill-liġi ewropeja li aħna parti minnha u konsegwentment dawn id-disposizzjonijiet sija bħala ħaġa sħiħa kif ukoll bħala parti tat-trasposizzjonijiet li saru u jsiru minn żmien għall-żmien permezz ta' direttivi jew regolamenti.*

11. *Illi proprju fuq dan fl-Artikolu 49(3) (Charter of Fundamental Rights), kif diġa' aċċennat, hemm indikat l-hekk msejjaħ Prinċipju tal-Proporzjonalita' tal-piena li ma huwiex jiġi debitament osservat u dan stante li l-pieni stabbiliti huma esaġerati u l-fuq minn dak li artikoli ta' natura penali jiddisponu.*

12. *Illi dan huwa iktar u iktar evidenti mill-fatt li fir-rikors tal-appell hawn fuq indikat u intavolat mill-Avukat Ġenerali ġie rilevat u sottomess li għandu jkun hemm r-revoka tas-sentenza mogħtija in prim istanza u jiġu applikati l-pieni li l-Liġi tipprevedi penalitajiet ħafna aktar iebsa u sproporzjonati minn dak li ġie effettivament kundannat r-rikorrenti fil-każ in kwistjoni. Di fatti huwa qiegħed jitlob li jkun hemm nflitt multa ekwivalenti għal tliet (3) darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€582.34), skond liema hija l-akbar hekk li terz min dan l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn: u l-ħati jista' jiġi arrestat jew miġjub quddiem il-Qorti b'ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad mill-Kodiċi Kriminali.*

13. *Illi minn dan jsegwi li jekk tiġi milqugħa t-talba tal-imsemmi intimat allura l-piena inflitta tkun skont l-Artikolu 62 ta' Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta , u ċioe' li peress li d-dazju tal-importazzjoni ammonta għal tlett mija u sitt ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€306.33) meta dan jiġi triplikat ikun jammonta għal disa' mija u tmintax-il ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€918.99) u d-dazju tas-Sisa li jammonta għal elfejn u ħmistax-il ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€2,015.62) u allura meta dan huwa triplikat (x3) b'kollox dan jammonta għal sitt elef u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€6,046.86). Illi dan ifisser li l-ammont globali li jista' jiġi immultat jkun ta' sitt elef, disgħa mija u ħamsa u sittin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€6,965.85) u dan fl-umli fehma ta' l-esponenti huwa ammont li ma huwiex bilanċjat mar-reat li ġie kommess.*

14. *Illi għalhekk l-esponenti umilment jissottometti li fuq livell ġuridiku, il-piena ma tistax tkun sproporzjonata meta jittieħed in konjizzjoni r-reat u kull każ huwa uniku, u jrid jiġi eżaminat fil-parametri tiegħu b'hekk l-imposizzjoni ta' sanzjoni kriminali hija bżonn jekk din tilħaq l-iskop tal-piena nflitta . Fil-kwistjoni tal-piena, l-iktar żewġ prinċipji importanti u ta' rilevanza huma l-proporzjonalita' u r-rispett għad-drittijiet fundamentali li hawn qed jiġu vjolati.*

15. *Illi konsegwentement billi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem il-persuna umana huwa fil-qalba ta' l-attivitajiet tagħha, biex permezz taf tistabbilixxi ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni u billi toħloq spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.*

*Illi da parti tal-esponenti huwa jħoss li l-piena nflitta trid tkun proporzjonata mar-reat kommess. Illi dan jimxi parallel ma' dak li ntqal fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif imsemmi preċedentament skond Artikolu 49 (3).*

*Għaldaqstant l-esponenti salv kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti tħoss xierqa u opportuna f'dan l-istadju umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *L-ewwel tiddikjara artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), paragrafu (a) proviso Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta , I-Artikolu 160) u 17(a), Regolament 13, Taqsima b, Regolament 7, Taqsima C, Sitt Skeda tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta Malta huma anti-kostituzzjonali billi jmorru kontra id-drittijiet fundamenti mħaddna fis-sub-artikolu tlieta (3) tal-artikolu disgħa u erbgħin (49) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Charter of Fundamental Rights) u ċioe' li f'dawn l-artikoli msemmija s-severita' tal-piena ma hiex proporzjonata mar-reat kommess.*

2. *It-tieni li tagħti lir-rikorrenti dawk r-rimedji l-oħra kollha li jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

2. Rat illi fit-18 ta' Awissu 2018 fejn l-**Avukat tal-Istat** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   *(1) Illi r-Rikors Promotur hu imsejjes fuq allegazzjonijiet li l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap 37, l-Artikoli 16(1) u 17(a), Regolament 13, Taqsima b, Regolament 7, Taqsima C, Sitt Skeda tal-Kap 382 u l-Artikolu 80 tal-Kap 406 huma anti-kostituzzjonali u dan ai termini tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u ċioe' fis-severita tal-piena li allegatament mhix proporzjonata mar-reat kommess;*

   *(2) Illi l-esponent jixtieq jiċċara li l-fatti tal-każ kif svolġew huma s-segwenti:*

   *i Illi fid-9 ta' Ottubru, 2008 l-uffiċjali tad-Dwana flimkien ma' l-uffiċjali tal-Pulizija għamlu spezzjoni fil-fond 8th September Boutique li jinsab fl-indirizz, 44, Triq is-Sur, Senglea fejn ġew skoperti ammont sostanzjali ta' sigaretti sdazjati li kienu fil-pussess ta' sid il-ħanut Francis Scerri, u l-uffiċjali konċernati ġew informati li l-istess sigaretti sdazjati kienu nxtraw mingħand*

*ir-rikorrent Micallef fil-ġranet preċedenti għall-ispezzjoni relattiva; u minħabba din is-sejba, l-esponent Direttur Ġenerali qabad l-imsemmija oġġetti in kwistjoni;*

ii *Illi sussegwentement fl-24 t'Ottubru, 2008, l-uffiċjali tal-Pulizija skoprew ammont ta' sigaretti u xorb alkoħoliku sdazjat ġol-vettura tar-rikorrent tat-tip Ford Escort li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 meta l-imsemmi Micallef ġie imwaqqaf mill-imsemmija uffiċjali f'Senglea u minħabba dan l-inċident, l-uffiċjali tad-Dwana u tal-Pulizija ipproċedew sabiex jagħmlu tfittxija fir-residenza tar-rikorrent Micallef u ċioe' f'Marjola, Triq il-Kanun, Qormi, fejn ġew skoperti ammont sostanzjali ta' sigaretti u alkoħol sdazjat ulterjuri u minħabba din is-sejba, l-esponent Direttur Ġenerali qabad l-imsemmija oġġgetti u l-vettura in kwistjoni;*

iii *Illi l-imsemmija vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 li inqabdet permezz tan-Nota ta' Qbid numru 66/2009 ġiet kontestata fil-proċeduri ċivili u illum tinsab konfiskata favur il-Gvern permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maċistrati (Malta) (Ref. 259/2009) deċiża fid-9 ta' Lulju, 2012 li hija res judicata;*

iv *Illi r-rikorrent Micallef ma kkontestax permezz ta' proċeduri ċivili is-sigaretti u l-alkoħol sdazjat li ġew maqbuda permezz tan-Nota ta' Qbid li għandha in-numru ta' referenza 65/2009;*

v *Illi l-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent Micallef huma bbażati fuq akkużi ta' ksur tal-provvedimenti tal-Kap 37, 382 u 406 minħabba l-ammont ta' sigaretti u alkohol sdazjat li instab fil-pussess tar-rikorrent Micallef u/jew li iddispona minnhom ir-rikorrent Micallef, u dan a skapitu tal-pubbliku u negozjanti li josservaw il-liġi doganali. Illi l-imsemmija proċeduri jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali għal-1 ta' Novembru, 2018 għad-deċiżjoni finali minn Appell li ġie ntavolat mill-Avukat Ġenerali fis-17 ta' Novembru, 2015;*

*(3) Illi fl-ewwel lok u mingħajr preġudizzju, l-esponent jissottometti li r-rikorrent ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih skont il-liġi stante li lanqas intavola appell fil-konfront tad-deċiżjoni tal-Qorti tal- Maġistrati (Malta) deċiża fid-9 ta' Lulju, 2012 fil-proċeduri ċivili (Ref. 259/2009) fejn ikkontesta l-qbid tal-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 u l-Qorti konċernata għaddiet biex tikkonfiska l-vettura in kwistjoni. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent lanqas ma ntavola appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Nicola Micallef deċiża fid-29 ta' Ottubru, 2015 fejn l-*

*Qorti konċernata sabitu ħati tal-akkużi li ttieħdu fil-konfront tiegħu; liema proċeduri kriminali del resto huma pendenti fl-istadju tal-Appell a bażi ta' Rikors ta' Appell intavolat mill-Avukat Ġenerali u preżentement jinsabu differiti għad-deċiżjoni għall-1 ta' Novembru, 2018;*

*(4) Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, fir-rigward tal-mertu, l-esponent jirribatti li l-allegazzjonijiet kif avvanzati fir-Rikors Promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ċ-ċirkostanzi odjerni ċertament jaqgħu fl-ambitu tal-obbliġi u d-drittijiet tal-Istat li jwettaq dawk il-Liġijiet li jidhrulu xierqa sabiex jiżgura l-ħlas ta' dazji u taxxi peress li l-fatti tal-każ odjern jiskattaw minn azzjonijiet tar-rikorrent li huma unikament imputabbli għall-aġir illeċitu tiegħu u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għas-suespost:*

*(4.1) Illi 1-esponent jirrileva li bid-dovut rispett, ir-Rikors Promotur jidher li huwa unikament invit lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tintrometti ruħha indebitament fil-proċeduri kriminali stante li fl-umli sottomissjoni tal-esponent huwa manifest li fiċ-ċirkostanzi odjerni ma jissussisti ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, kif allegat. Altrimenti, fil-prattika dan ikun ifisser li min jiġi akkużat, ikollu s-setgħa li jwaqqaf l-andament ta' proċeduri oħra li saru skont il-liġi billi jintavola Rikors Kostituzzjonali. Illi għalhekk l-esponent jissottometti li ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ ma jippreżentaw l-ebda element ta' sproporzjonalita u dan stante li l-esponent jirribadixxi li l-piena kontemplata mill-leġislatur fir-rigward ta' ksur tal-provvedimenti tal-Liġijiet doganali li jirrigwardjaw oġġetti soġġetti għad-dazju tas-SISA per se, m'għandhiex titqies awtomatikament bħala miżura sproporzjonata fil-konfront tar-rikorrent li inqabad in flagrante jikser il-Liġijiet doganali ripetutament addirittura f'iktar minn post wieħed;*

*(4.2) Illi fil-każ odjern huwa fl-umli sottomissjoni tal-esponent manifest li fiċ-ċirkostanzi odjerni, il-piena kontemplata fil-liġi għal minn jinqabad jagħmel kuntrabandu ta' oġġetti soġġetti għad-dazju tas-SISA, ma tistax titqies bħala miżura sproporzjonata, partikolarment meta wieħed iqis l-gravita tat-telf sostanzjali tal-erarju pubbliku li hu abbinat mal-konsum ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-SISA, kif ukoll l-islealta kummerċjali u soċjali lejn negozjanti li josservaw dawn il-Liġijiet doganali. Effettivament, ir-rikorrent inqabad in flagrante fil-pussess ta' sigaretti u alkohol sdazjat fil-vettura tiegħu li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni BAD 081 u fir-residenza tiegħu, liema oġġetti sdazjati kienu qegħdin jinġarru u jinbiegħu ftit ftit lil terzi persuni;*

*(4.3) Illi l-esponent jirrileva li l-pretensjonijiet tar-rikorrent Micallef kif dedotti fir-Rikors Promotur li allegatament il-piena kontemplata mill-leġislatur f'każ ta' ksur tal-Liġijiet doganali, bħal fil-każ odjern, hija sproporzjonata, bid-dovut rispett, hija bażata ukoll fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-kunċett tal-qafas tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Illi f'dan ir-rigward, għandu jingħad li l-pieni kif stipulati fil-liġi doganali huma intiżi sabiex iservu ta' deterrent għall-kuntrabandist sabiex jarrikixxi ruħu a skapitu tal-Istat, peress li jekk ladarba persuna li tinqabad tagħmel il-kuntrabandu, jiġi konfiskat lilha unikament l-oġġett sdazjat, il-piena inflitta ċertament ma tkun qed iservi ta' ebda deterrent effettiv. Filwaqt li huwa importanti li d-drittijiet tar-rikorrent Micallef qua akkużat jiġu salvagwardjati, pero' hemm konsiderazzjonijiet oħra li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni u dawn huma l-interessi tas-soċjeta' u tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk fl-umli fehma tal-esponent, it-talbiet tar-rikorrent mhumiex ġustifikati;*

*(4.4) Illi effettivament jirriżulta ċar li fil-konfront tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda proċedura mhix ġustifikata kemm fil-proċeduri ċivili kif ukoll fir-rigward tal-proċeduri kriminali li jinsabu differiti għad-deċiżjoni finali għall-1 ta' Novembru, 2018. Effettivament, jidher mill-istess proċeduri li l-Qrati konċernati żvolġew il-kompitu rispettiv tagħhom in ottemperanza mal-liġi. Inoltre, l-esponent jirrileva li r-rikorrent ma ntavola l-ebda appell mid-deċiżjonijiet relattivi jekk ma kienx jaqbel mad-deċiżjonijiet tal-Qrati rispettivi u wisq inqas ma ġab l-ebda prova konkreta fl-istadju opportun sabiex b'xi mod jikkontradixxi l-provi tal-Prosekuzzjoni u tad-Direttur Ġenerali (Dwana);*

*(4.5) Illi l-esponent jissottometti li t-talbiet tar-rikorrent mhumiex sostenibbli ukoll stante li, il-pieni kontemplati fil-liġi doganali jiġu inflitti f'każ li persuna tinstab ħatja tal-akkużi ta' ksur tal-Liġijiet doganali u ta' dan ċertament ir-responsabbilita ma tistax tiġi attribwita lill-intimat. Għandu jingħad li, t-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem tippreżumi l-obbligu li persuna tosserva l-Liġijiet billi taġixxi fl-ambitu tal-Liġijiet konċernati u mhux addirittura tikser il-liġi b'mod flagranti u ripetutament. Għaldaqstant, ladarba l-piena kontemplata fil-liġi tiġi inflitta f'każ li l-ħtija tar-rikorrent Micallef tiġi konfermata u dan bħala konsegwenza tan-nuqqasijiet tar-rikorrenti stess, għandu jsegwi li l-piena inflitta fuq ir-rikorrent hija waħda ġustifikata u li għandha għan leġittimu. Illi*

*għalhekk, fiċ-ċirkostanzi odjerni l-Istat jottjeni bilanċ xieraq u ekwu bejn l-għan li l-liġi qed tipproteġi u d-drittijiet tas-soċjeta in ġenerali. Għalhekk, ċertament ma jistax jingħad li tali pieni kif kontemplati fil-liġi mhumiex essenzjali u/jew sproporzjonati u/jew mhux ġustifikati f'soċjeta demokratika;*

*(4.6) Illi għalhekk għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponent jirrileva li l-ebda rimedju m'hu dovut lir-rikorrent u dan tenut kont tal-fatt li ċ-ċirkostanzi odjerni ma jistgħux jiġu attribwiti għal xi nuqqas da parte tal-esponent u/jew tal-Istat; pero dato ma non concesso, li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li fiċ-ċirkostanzi odjerni hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fl-umli fehma tal-esponent dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti;*

*(5) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, il-pretenzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap 37, l-Artikoli 16(1) u 17(a), Regolament 13, Taqsima b, Regolament 7, Taqsima C, Sitt Skeda tal-Kap 382 u l-Artikolu 80 tal-Kap 406 m'humiex anti-kostituzzjonali fir-rigward tas-severita' tal-piena ai termini tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u għalhekk fiċ-ċirkostanzi odjerni l-ebda rimedju m'hu dovut;*

*Bl-ispejjeż fil-konfront tar-rikorrent.*

## Fatti tal-każ

3. Jirriżulta li, fil-każ deċiż fid-29 ta' Ottubru 2015 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali, ir-rikorrent instab ħati li żamm sigaretti, xorb u tabakk bil-kutrabandu mingħajr ma ħallas il-valur sħiħ ta' Ewro 2,866.02 konsistenti f'dazju tas-Sisa, dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud. Bl-istess mod, instab ħati li, permezz tal-vettura Ford Escort BAD-081, biegħ sigaretti bil-kutrabandu bla ma ħallas il-valur sħiħ ta' dazju ta' Ewro 305.68. Inoltre`, instab ħati wkoll, li żamm għandu d-dar sigaretti, tabakk u xorb bil-kutrabandu mingħajr ma ħallas il-valur sħiħ ta' Ewro 2,560.34, u ħati talli biegħ sigaretti bil-kutrabandu, bla ma ħallas il-valur sħiħ ta' Ewro 305.68.

4. Sussegwentement il-piena mogħtija lir-rikorrent għal dan skont il-każ suċitat deċiż, kienet ta' multa ta' Ewro 1,500, flimkien ma kundanna ta' ħabs ta' sentejn sospiżi għal erba' snin kif ukoll il-konfiska tal-vettura numru BAD-081, li kienet intużat biex twettaq il-kutrabandu li tiegħu nstab ħati.

5. Jirriżulta illi ir-rikorrent Nicola Micallef ma appellax minn din is-sentenza deċiża fid-29 ta' Ottubru 2015.

6. Jirriżulta illi ir-rikorrent Nicola Micallef intavola proċeduri ċivili sabiex jikkontesta l-konfiska tal-vettura, liema talba ġiet lilu miċħuda permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fid-9 ta' Lulju 2012, li minnha huwa ma appellax.

7. Jirriżulta, madanakollu, illi l-Avukat Ġenerali ressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tiżdied il-piena. Iżda, l-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet li tissoprasjedi, sabiex jiġi l-ewwel deċiż l-każ odjern, stante li fil-frattemp, ir-rikorrent ippreżenta l-każ in eżami.

8. Il-Qorti tosserva illi r-rikors odjern tar-rikorrent ġie msejjes fuq l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Sussegwentement, madanakollu, fil-mori tal-każ, permezz ta' digriet datat 26 ta' Frar 2020, ir-rikorrent ġie awtorizzat iżid talba oħra mar-rikors oriġinali tiegħu, fejn żdiedu talbiet ai termini tal-artikolu 3 u 35(3), tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Ikkunsidrat**

9. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi permezz tal-azzjoni preżenti, r-rikorrent qiegħed jilmenta dwar is-severita` tal-piena li ngħata, fejn saħaq li mhijiex proporzjonata mar-reat kommess. Għalhekk, permezz tal-azzjoni preżenti, qiegħed jattakka l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(d)(f)(g)(h)(i)(k) 68(1), 69(1)(2) paragrafu (a) Artikolu 62 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu16 (1) u 17(a), Regolament 13, Taqsima B, Regolament C, Taqsima C, Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta billi qed isostni li dawn id-disposizzjonijiet imorru kontra l-artikolu 49 subartikolu (3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Charter of Fundamental Rights) u tal-artikolu 3 u 35(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

10. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Avukat tal-Istat, qajjem is-segwenti difiżi:

   a. <u>Ir-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji skont il-liġi stante li lanqas intavola appell rigward il-każ deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati 259/2009 deċiża fid-9 ta' Lulju 2012.</u>

   b. <u>L-allegazzjonijiet avvanzati fir-rikors promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt</u>.

   c. <u>Jidher manifest li m'hemm l-ebda ksur ta' proċeduri kriminali kif allegat, il-piena mil-leġislatur rigwardanti oġġetti għad-dazju tas-SISA, m'għandhiex titqies miżura sproporzjonata</u>.

   d. <u>Illi r-rikorrenti inqabad in flagranti fil-pussess ta' sigaretti u alkoħol fil-vettura tiegħu u fir-residenza tiegħu, u għal dan hemm il-piena kontemplata mil-liġi.</u>

e. Il-pieni kif stipulati fil-liġi qegħdin biex iservu ta' deterrent għall-kontrabandist għalhekk, l-allegazzjoni tar-rikorrent hija bażata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-kunċett tal-qafas tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

f. Ma jirriżultax li fil-konfront tar-rikorrent kien hemm proċedura mhix ġustifikata kemm fil-proċeduri ċivili u kemm Kriminali.

g. Il-piena kontemplata fil-liġi doganali tiġi inflitta f'każ li persuna tinstab ħatja, b'hekk il-piena għandha għan leġittimu u hija ġustifikata.

h. L-ebda rimedju m'huwa dovut lir-rikorrent stante li m'hemm l-ebda nuqqas da parti tal-Istat.

**L-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat b'referenza għall-fatt li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji.**

11. Jirriżulta li permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, ġie eċċepit li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji skont il-liġi, billi la intavola appell mill-proċedura ċivili 259/09 fejn ġiet ikkontestata l-qbid tal-vettura tiegħu BAD 081, liema każ deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati fid-9 ta' Lulju 2012, u lanqas ma intavola appell mid-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Ottubru 2015 fejn instab hati tal-akkuzi u, fosta affarjiet ohra, giet lilu konfiskata il-vettura li dwarha qed jilmenta fil-proceduri odjerni – tali proceduri għadhom pendenti unikament għax kien l-Avukat Generali illi ntavola appell. Għalhekk qed jiġi eċċepit li r-rikorrent kellu rimedji oħra ordinarji disponibbli li huwa ma utilizzax.

12. Jirriżulta illi hawnhekk l-intimat qed jistieden lil din il-Qorti biex tirrifjuta li teżerċita s-setgħat skont il-proviso tal-artikolu 46(2) in kwantu ma jirriżultax li r-rikorrent eżawrixxa l-mezzi xierqa għall-ksur allegat. Il-proviso għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

> *"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

13. Il-Qorti tirrileva li kliem identiku jinstabu fl-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi sabiex id-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali jsiru u jkunu eżegwibbli bħala parti mil-Liġi ta' Malta.

14. Jiġi osservat li l-akkoljiment o meno ta' din l-eċċezzjoni huwa fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, liema diskrezzjoni għandha tiġi użata bi prudenza biex il-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali ma tkunx inondata b'kawżi li jistgħu jiġu determinati bi proċeduri oħra. Jingħad ukoll illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor għall-allegat ksur ta' jedd fundamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali.

15. Huwa f'każ li ma jirriżultax u ma jiġix ippruvat li kien hemm rimedju ieħor xieraq, li l-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment. Madanakollu, f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta jibqagħlha s-setgħa li tikkunsidra jekk għandhiex tipproċedi u tiddeċiedi l-każ.

16. Relevanti huwa l-każ **George Scerri et vs L-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (45/2009) deċiża fl-1 ta' Frar 2011 fejn ingħad:

> "*Illi meta bħal f'dan il-każ, quddiem din il-Qorti titqajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent ikun naqas li jinqeda minn rimedju ordinarju qabel ma jkun għadda biex iressaq kawża "kostituzzjonali", il-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-każ huma dawk li f'bosta sentenzi ssemmew u tfissru b'mod eżawrjenti*."

17. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2005 fil-kawża **Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs (**22/05) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006.

18. Il-Qorti tirrileva li jinkombi fuq l-intimat li qed jissolleva din l-eċċezzjoni li jipprova li kien hemm rimedju ieħor xieraq effettiv u adegwat li ma ġiex adoperat. Biżżejjed jintwera li jkun hemm rimedju ieħor li jista' jiġi segwit b'mod effettiv u effikaċi.

19. Madanakollu, jiġi osservat li fil-każ odjern, ir-rikorrent qed jilmenta li d-dispożizzjonijiet tal-Kap 37 tal-Kap 382 u 406 tal-Liġijiet ta' Malta imorru kontra l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea peress illi qed jikkontesta l-fatt li ġiet konfiskata l-vettura tiegħu u d-deċiżjoni f'dan ir-rigward ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati.

20. Jirriżulta illi r-rikorrent ikkontesta tali konfiska ċivilment, mingħajr suċċess, għal liema deċiżjoni huwa ma ntavola ebda appell.

21. Il-Qorti tosserva illi l-fatt li r-rikorrent naqas' milli jinavola appell mid-deċiżjoni ċivili ma jfissirx illi huwa ma eżawriex ir-rimedji tiegħu. Huwa kellu kull dritt illi jaċċetta jew le d-deċiżjoni ċivili fil-konfront tiegħu u, la darba d-deċiżjoni ngħatat u hija issa waħda res ġudikata, għalhekk għandu jitqies illi r-rikorrent adopera r-rimedji lilu pprovduti u ma fadallu ebda mezz ieħor għajr illi jmexxi bi proċedura Kostituzzjonali, li hija proċedura straordinarja.

22. Il-Qorti tisħaq illi rimedji Kostituzzjonali huma rimedji aħħarija li wieħed m'għandux jirrikorri għalihom kif ġieb u laħaq, imma jekk ma jkunx hemm rimedji oħra disponibbli taħt il-liġi ordinarja. Din in-norma qiegħda hemm sabiex jiġi segwit l-ordni loġiku ġuridiku, għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex il-proċeduri Kostituzzjonali ma jiġux abbużati.

23. Għalhekk, in vista tal-prinċipji enunċjati fil-ġursiprudenza aktar ‘il fuq suċitata, din il-Qorti, ser tipproċedi bid-deċiżjoni għal dan il-każ u l-ewwel eċċezzjoni preliminari qed tiġi miċħuda.

## Meritu tal-każ

24. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, r-rikorrenti qed jikkontendi li hemm ksur tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea meta huwa nstab ħati u ngħata l-piena ai termini tad-dispożizzjonijiet imsemmija fir-rikors promotur u ċioe` d-dispożizzjonijiet tal-Kap 37, 382 u 406 tal-Liġijiet ta’ Malta hawn fuq imsemmija.

25. Jirriżulta wkoll illi, sussegwentement, ir-rikorrent beda jikkontendi wkoll li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi ai termini tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 35(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, għaliex huwa jħoss li l-piena li ngħata mhijiex proporzjonata mar-reat kommess minnu.

### *Artikoli 3 u 35(3) tal-Konvenzjoni Ewropea*

26. Din il-Qorti, fl-ewwel lok, ser tibda teżamina l-ilment tar-rikorrent mill-ottika tal-Artikoli 3 u 35(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

27. Ir-rikorrent qed jilmenta minn trattament inuman ai termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. L-Artikolu 3 jipprovdi hekk:

> “*Ħadd m’għandu jkun issoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*”

28. Għalhekk jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li huwa ġie assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti. Fil-kawża **Joseph Zahra vs Ministru tal-Ġustizzja et**. deċiża mill-Prim’ Awla, fl-4 ta’ Ottubru 1990, ġie osservat li trattament inuman ikopri tbatija mentali u fiżika. Fil-każ **Dr. Irene Bonello vs Onorevoli Prim Ministru** deċiża fil-5 ta’ Ottobru 1998, il-Qorti rriteniet li :

> “*it-trattament degradanti li trid il-liġi jrid ikun marbut ma’ sitwazzjoni fejn l-oġġett ta’ tali deportament ikun taħt il-kontroll tal-persuna li teżerċitah u inoltre li tali trattament ikun ta’ ċerta gravita*.”

29. Għalhekk, huwa ferm importanti jiġi ribadit li sabiex ilment dwar l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja jintlaqa’, jeħtieġ numru ta’ elementi fosthom trattament inuman u degradanti, u/jew, deportazzjoni għal pajjiż b’riskju ta’ tortura u trattament inuman. Dawn l-elementi fil-fatt jissemmew fil-każ **Abdul Hakim Hassan Abdulle et vs Ministru tal-Ġustizzja et** (56/2007) deċiża mill-Prim’ Awla (Sede Kostituzjonali) fid-29 ta’ Novembru 2011.

30. Fil-każ **Yankov vs Bulgaria** deċiż mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-11 ta' Diċembru 2003 ingħad:

> *"Ill treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative, it depends on all the circumstances of the case."*

31. Jirriżulta illi dak li qed jigi kunsidrat bħala trattament inuman u degradanti jrid ikun ta' gravita` u severita` skont dak deċiż f'kawżi mill-Qorti Ewropea, kif deċiż, fil-każ **Simeonovi vs Bulgaria** deċiża fit-12 ta' Mejju 2017.

> "*The Court considers the applicant's condition of detention taken in conjuction with the restrictive regime under which he is serving his life sentence and the length of the prison term, have subjected him to an ordeal exceeding the suffering inherent in the execution of a prison sentence, amount to inhuman and degrading treatment.*"

32. Fil-każ odjern, ir-rikorrent jikkontendi illi l-piena li ngħata hija degradanti u inumana u għalhekk bi ksur ta' l-artikolu 3.

33. L-Avukat tal-Istat, da parte tiegħu, fis-sottomissjonijiet tiegħu, jagħmel referenza ukoll għall-każ **Ireland vs U.K**. deċiża mill-Qorti Ewropea fit-18 ta' Jannar 1978, fejn saret distinzjoni bejn tortura u trattament inuman, u l-grad ta' intensita` aktar rikjesta. Saret ukoll referenza għal kawżi **Salman vs Turkey** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2000 u **Akkocc vs Turkey** deċiża fl-10 ta' Ottubru 2000, fejn ġie interpretat il-kunċett ta' tortura, minn fejn jirriżulta li hemm tlett elementi meħtieġa għat-tortura taħt dan l-Artikolu 3 fejn ingħad:

> *" ... Any act by which severe pain or suffering, whether physical or mental, is intentionally inflicted on a person for such purposes as obtaining from him or a third person information or a confession, punishing him for an act he or a third person has committed or is suspected of having committed, or intimidating or coercing him or a third person, or for any reason based on discrimination of any kind, when such pain or suffering is inflicted by or at the instigation of or with the consent or acquiescence of a public official or other person acting in an official capacity.* ***It does not include pain or suffering, arising only from, inherent in or incidental to lawful sanctions****."*

34. Dwar trattament inuman, saret referenza fis-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat għall-każ **Salvatore Olivieri vs Avukat Ġenerali** deċiża fit-8 ta' Ġunju 2015, fejn dwar proprorzjonalita` ta' piena f'każ ta' reat ta' tkabbir ta' cannabis ingħad hekk:

> "*Sabiex trattament jitqies inuman, u allura sabiex il-piena titqies inumana, is-sofferenza mentali jew fiżika li ġġib magħha dik il-piena trid tkun tant severa li tinneċessita l-intervent tal-Qorti. Sabiex trattament ikun*

*degradanti, jrid ta' bilfors jumilja gravament lill-persuna quddiem l-oħrajn jew iġiegħlu jaġixxi kontra l-volonta` jew il-kuxjenza tiegħu. Fil-każ tal-lum, l-ekwiparazzjoni tal-piena m'għandhiex dawn il-konsegwenzi. Piena karċerarja dejjem iġġib magħha konsegwenzi pero' dak ma jfissirx li l-piena hija out of proportion*."

35. Il-Qorti tosserva li, fil-każ in eżami, ir-rikorrent jeħtieġlu mhux biss jipprova t-trattament inuman u degradanti, li evidentement ma jirriżultax li hemm provi suffiċjenti dwar dan, iżda jeħtieġ ukoll li jipprova li ikun hemm ness u kawżalita` bejn l-aġir da parti ta' l-Istat u t-trattament inuman u degradanti li hu qed jallega, fis-sens, li l-Istat ikun responsabbli għal dan it-trattament inuman u degradanti.

36. Minn dak kollu diġa' dedott dwar il-fatti ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi dawn l-elementi evidentement ma jirriżultawx bl-ebda mod. L-Istat ma jistax jiġi inkolpat ta' trattament inuman u degradanti, sempliċiment għaliex ir-rikorrent ingħata l-piena permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati datata 29 ta' Ottubru 2015, wara li nstab ħati *in flagrante delicto* talli kellu fil-pussess tiegħu sigaretti u alcohol bl-kutrabandu.

37. Fil-każ in eżami, għalhekk, in vista ta' l-insenjament fuq msemmija, bl-ebda mod ma jista' jingħad li r-rikorrent seta' kien soġġett għal tortura jew trattament inuman u/jew degradanti. Din il-Qorti tqis li bl-ebda mod, dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent m'għandu ikun imqabbel ma' ċirkostanza ta' tortura jew trattament inuman bħal kif deskritt u indikat fil-ġursiprudenza suċitata.

38. Għaldaqstant, ma jistax jingħad li hemm l-ebda leżjoni a tenur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk din il-Qorti ser tiċħad it-talba tar-rikorrent f'dan ir-rigward.

39. B'referenza għal leżjoni allegata abbażi tal-Artikolu 35(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, kif tajjeb sostnut fir-risposta tal-Avukat tal-Istat, dan l-artikolu m'għandux relevanza għal din il-kawża. Jirriżulta li l-Artikolu 35(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, ma ġiex inkorporat fil-Liġi Maltija għalhekk mhuwiex imdaħħal fit-tifsira tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali billi ma ġiex trasportat fil-liġi domestika skont l-artikolu 3(3) tal-Kap 304.

40. Għalhekk, huwa manifestament ċar, li dan l-artikolu jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin. Relevanti ħafna huma l-kawzi ċitati mill-Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet fosthom **Maria Stella sive Estelle Azzopardi Vella et vs Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2016, **Thomas Cauchi et vs Avukat Ġenerali et** deċiża fit-2 ta' Marzu 2018, **Joseph Grima et vs l-Avukat Ġenerali et noe** deċiża fis-27 ta' Marzu 2020 u **Anthony Debono vs Avukat Ġenerali et** deċiża fit-8 ta' Ottubru 2020.

41. Fid-dawl tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent abbażi ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu miċħuda.

42. In vista tas-suespost, u għall-motivi spjegati, ma jirriżultax li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, taħt l-ebda artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea.

43. Għaldaqstant il-Qorti, tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha fir-risposta ta' l-Avukat ta' l-Istat f'dan ir-rigward u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent b'referenza speċifika għall-Artikolu 3 u 35(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**

44. Din il-Qorti ser tgħaddi issa biex teżamina l-ilment tar-rikorrent abbażi tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-ottika anke tad-difiżża sollevata mill-Avukat tal-Istat.

45. Illi ġie eċċepit fl-ewwel lok fir-risposta tal-Avukat tal-Istat li l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ma tistax tintlaqa' għax mhijiex marbuta mal-implimentazzjoni ta' xi liġi tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 51 skont l-istess Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat irrefera għall-kawża **C-206/13 Cruciano Siragusa vs regione sicilia Sopritendenza Beni Culturali e Ambientali di Palermo** deċiża mill-ECJ fis-6 ta' Marzu 2014, liema każ irrefera wkoll għall-każ **C-617/10 Akerberg Fransson** fejn il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, rreferiet għall-każistika b'referenza għall-iskop tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Unjoni Ewropea u għall-ispjegazzjonijiet relatati mal-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fejn id-dritt garantit mill-istess Karta jrid ikun abbinat ma' liġi tal-Unjoni Ewropea.

46. L-**Artikolu 49(3)** tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi :

> "*Is-severita` tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat.*"

47. L-**Artikolu 51** tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li:

> *1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjeta` u għall-Istati Membri wkoll biss meta ikunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.*

> *2. Il-karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi tal-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi definiti fit-Trattati.*

48. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi jkun tajjeb li jiġi puntwalizzat illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għalkemm mhux inkorporati fil-leġislazzjoni domestika speċifika, huwa applikabbli u għandu effett fuq pajjiżna. Jiġi wkoll ippreċiżat li permezz tal-artikolu 3 tal-Kap 460, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea torbot lil Malta u hija parti mil-liġi domestika nostrana. Dana ġie affermat mil-Qrati Maltin fil-każ **Raymond Caruana vs L-Avukat Ġenerali** (16/2011) deċiża fit-28 ta' Frar 2013 fejn ingħad:

"*Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrent li l-imsemmija Karta llum tagħmel parti mil-liġi domestika Maltija u li l-Qrati Maltin iridu iqisu u jħaddnu bħal ma jħaddnu kull liġi oħra fl-ordinament li għandha effett dirett.*

*Illi għalkemm ir-rikorrent jirreferi għal 'ċertu provvediment li jinsab fiċ-Charter' jidher li qiegħed jirreferi għall-Artikolu 49 tagħha, li jitkellem dwar prinċipji ta' legalita` u proporzjonalita` ta' Reati u ta' Pieni. B'mod partikolari ssir referenza għad-disposizzjonii tas-sub-artikolu 3 tal-imsemmi artikolu li igħid li l-ħruxija tal-pwieni ma tridx tkun sproporzjonata mar-reati li għalihom tapplika.*

*Illi l-Qorti tifhem li l-ilment tar-rikorrent kif imressaq fir-rikors promotur huwa sewwasew dak li l-piena ta'detenzjoni li għaliha hu suġġett hija ħarxa żżejjed meta mqabbla mal-għamla ta' reat li għalih kien instab ħati.*

*Iżda, kif sewwa issottometta l-intimat, it-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-imsemmija Karta jipprovdi li (1) Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjeta` u għall-Istati Membri wkoll biss meta ikun qed jimplimentaw il-liġi tal-unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati."*

*Illi l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent fil-kawża tal-lum jissejjes fuq it-tħaddim ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali. Imkien ma jallega u minn imkien ma jidher li sejjes dak l-ilment fuq it-tħaddim ta' "liġi tal-unjoni". Għaldaqstant, il-Qorti ma tħossx li għandha tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent ukoll fil-qafas tal-provvediment imsemmija ta' dik il-Karta.*"

(Ara wkoll **Mario Pace Axiaq et vs L-Onorevoli Prim Minsitru et** (63/2019) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-3 ta' Mejju 2019; **Cecil Herbert Jones vs Avukat Ġenerali** (95/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Frar 2019.

49. Il-Qorti tosserva illi, in linea ma' dak fuq indikat, għandu ikun mifhum li lment ta' ksur ta' provvediment tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea jista' jiġi mistħarreġ biss mill-Qrati tagħna biss jekk il-ksur jirrigwarda liġi tal-Unjoni Ewropea.

50. Għalhekk, in vista tas-suespost, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimat Avukat tal-Istat li r-rikorrent ma jistax jinvoka l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea għaliex dan l-artikolu tal-Karta japplika biss meta l-ilment jirrigwarda it-tħaddim ta' liġi tal-Unjoni. Fil-każ in eżami, ir-rikorrent bl-ebda mod ma rabat l-ilment tiegħu ma' liġi tal-Unjoni Ewropea għalkemm jipprova jikkontendi illi l-liġi nostrana hija riżultat tat-trasposizzjoni ta' liġi Ewropea, fatt li ftit li xejn ma ġie ippruvat.

51. Madankollu, ir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu sostna li l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi kkunsidat u għal dan il-għan irrefera għall-każ **Jason James Agius vs L-Avukat Ġenerali** (108/2018) deċiża fit-23 ta' Jannar 2020 mill-Qorti Ċivili Prim' Awla Sede Kostituzzjonali, liema każ ġie appellat u deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020, fejn f'dan il-każ ġie abbraċċjat u affermat il-prinċipju ta' proporzjonalita`.

52. Il-Qorti tosserva illi il-fattispeċje tal-każ in eżami u dak ikkunsidrat fil-kawża fuq imsemmija huma kemmxejn differenti, kemm għax il-leġislazzjoni u r-regolamenti attakkati huma wkoll diversi minn dawk tal-każ odjern, kif ukoll in vista tal-fatt illi il-prinċipju ta' proporzjonalita` li ġie vjolat kien ikkunsidrat abbażi ta' ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u mhux il-provvedimenti ċitati mir-rikorrent fil-każ odjern.

## Il-prinċipju tal-proporzjonalita'

53. Il-Qorti tirrileva illi l-prinċipju ta' proporzjonalita` tal-piena gie affermat f'okkażjonijiet oħra fil-ġurisprudenza nostrana. Hekk fil-każ the **Police vs Omar Azumi** (213/2019) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2020, ukoll ġie abbraċċjat dan il-prinċipju ta' proporzjonalita`, fejn f'dan il-każ ġie deċiż li l-leġislazzjoni sussidjarja 233.07 kienet qed tikser id-drittijiet Kostituzzjonali a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Jirriżulta f'dan il-każ, li l-prinċipju ta' proporzjonalita` tal-pieni ġie affermat b'referenza għall-istess Liġi sussidjarja ċitata fil-każ suċitat (108/2018).

54. Dan il-prinċipju ta' proporzjonalita` ġie wkoll eżaminat f'diversi kawżi deċiżi mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Hekk fil-każ **Ismayilov vs Russia** (30352/03) deċiża fis-6 ta' April 2009 ingħad hekk:

> "*The Court will next assess whether there was a reasonable relationship of proportionality between the means employed by the authorities to secure the ġeneral interest of the community and the protecton of the applicant's right to the peaceful enjoyment of his possessions or, in other*

*words, whether an individual and excessive burden was or was not imposed on the applicant.*

*In this case ....”the lawful origin of the confiscated cash was not contested. The applicant possessed documentary evidence, such as the will and the sale contract, showing that he had acquired the Money through the sale of a Baku flat which he had inherited from his mother. On that ground, the court distinguishes the present case from the cases in which the confiscation measure extended to the assets which were the proceeds of a criminal offence, which were deemed to have been unlawfully acquired.*

*The Court considers that in order to be considered proportionate, the interferece should correspond to the gravity of the infringement, namely the failure to comply with the declaration requirement, rather than to the gravity of any presumed infringement which had not however been actually established such an offence of Money laundering or tax evasion ... it has not been convincingly shown or indeed argued by the government that that sanction alone was not sufficient to achieve the desired deterrent and punitive effect and prevent violations of the declaration requirement. In these circumstances, the imposition of a confiscation measure as an additional sanction was, in the Court’s assessment, disproportionate, in that it imposed an “individual and excessive burden” on the applicant.*”

55. Fil-każ **Vasilevski vs the Former Yogoslav Republic of Macedonia** (26653/08) deċiża mill-Qorti Ewropea fit-28 ta’ Lulju 2016, li kien jikkonċerna konfiska ta’ ‘heavy vehicle’ li ntuża f’sugar smuggling’, liema vettura kienet inbiegħet wara r-reat kommess, ingħad hekk:

“*As regards the balance between the aim pursued and te applicant’s rights, the Court reitarates that, where possessions that have been used unlawfully are confiscated, such a balance depends on may factors, which include the owner’s behaviour. It must therefore determine whether the domestiċ authorities had regard to the applicant’s degree of fault or care or, at least, the relationship between his conduct and the offence which had been committed. In addition, it must be ascertained whether the procedure in the domestic legal system afforded the applicant, in the light of the severity of the measure to which he was liable, an adequate opportunity to put his case to the responsible authorities, pleading as the case might be illegality or arbitrary and unreasonable conduct (See **Yildirim vs Italy** No. 38602/02, ECHR 2003-IV). The requisite balance will not be achieved if the person concerned has had to bear an individual and excessive burden (See **Waldemar Nowakowski vs Poland** No. 55167/11 47, 24, July 2012*).

56. F'dawn il-kawżi kollha suċitati, ġew enunċjati l-prinċipji dwar il-proporzjonalita` meħtieġa bejn ir-reat u l-piena. Iżda, l-istħarriġ dejjem irid isir fid-dawl tal-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, u t-talbiet kif dedotti.

57. Fil-każ odjern, mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent instab ħati li ġewwa l-vettura Ford Escort BAD-081 huwa żamm konsenja ta' sigaretti, tabakk u xorb li kienu fil-pussess tiegħu mingħajr ma ħallas il-valur sħiħ ta' dazju, liema merkanzija illi kienet fil-pussess tiegħu b'kutrabandu, huwa kien qiegħed ibiegħ illegalment u b' kutrabandu, u għamel użu mill-vettura Ford Escort BAD-081 sabiex jikkommetti tali reat.

58. Jirriżulta inkontestat illi, riżultat tal-fatt illi nstab ħati ta' tali reat, r-rikorrent weħel piena ta' sentejn ħabs sospiżi għall-erbgħa snin, multa ta' Ewro 1,500 u l-konfiska tal-għodda li huwa uża sabiex jikkommeti tali reat, ossija tal-vettura numru BAD-081.

59. Jirriżulta ghalhekk illi ksur tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jistax jirriżulta.

## Konsiderazzjonijiet finali

60. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi hija inawdibbli u inkredibbli kif persuna, li kkommetta reat punibbli b'ħabs, jippretendi illi ma jiġix lilu konfiskat l-arma illi biha huwa kkommetta tali reat – bħallikieku wieħed joqtol persuna b'arma tan-nar u mbgħad jikkontesta l-fatt illi ġie lilu konfiskat l-arma tan-nar u jippretendi illi d-drittijiet tiegħu ġew leżi meta dina ġiet lilu konfiskata.

61. Din il-Qorti ma tistax ma turix id-dispjaċir kbir tagħha lejn il-fatt illi jidher li llum il-ġurnata, kulħadd qiegħed jinsa l-obbligi illi wieħed għandu lejn is-soċjeta' illi jobdi l-Liġijiet u jirrispettahom iżda kulħadd donnu jiftakar u jinsisti illi għandhom drittijiet fundamentali li għandhom ikunu dejjem rispettati.

62. L-akbar dritt fundamentali illi kull bniedem għandu, li qatt ma jissemma' għax huwa dritt ovvju, huwa dak id-dritt li ghandhu kull individwu li jippresumi li kullħadd huwa mistenni li jobdi u jirrispetta il-Liġijiet tal-pajjiż – tant huwa dritt bażiku u ovvju li l-leġisatur qatt ma ħass il-ħtieġa li jilleġisla dwaru. F'kull pajjiż demokratiku, il-Liġijiet qegħdin hemm sabiex jiġu rispettati u kull min jikser tali Liġijiet għandu jifhem illi hemm konsegwenzi li huwa għandu jsofri. Sfortunatament, illum il-ġurnata, tali dritt bażilari u fundamentali qiegħed jiġi sistematikament kalpestat u minsi!

63. Fil-każ odjern, huwa ċar illi l-vettura illi ġiet lilu konfiskata, ossija Ford Escort BAD-081, kienet l-"arma" illi r-rikorrent utilizza sabiex jikkommetti reat, għal liema reat r-rikorrent seta faċilment jispiċċa l-ħabs – hija għalhekk inverosimili kif jista' qatt ir-rikorrent jikkontempla remotement illi d-drittijiet tiegħu ġew leżi meta l-arma illi huwa uża biex jikkometti r-reat ġiet lilu konfiskata – hija talba tassew

inkredibbli illi tirrifletti n-nuqqas ċar u lampanti ta' rispetti illi teżisti fil-preżent għal-Liġijiet u l-konsegwenzi tagħhom!!

64. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, b'disappunt kbir, kif dawn l-aħħar snin, il-proċeduri Kostituzzjonali qegħdin jiġu ripetutament abbużati indiskriminatament bil-għan illi jittawlu proċeduri fil-Qrati, partikolarment dawk Kriminali, bit-tama illi b'xi mod eventwalment l-akkużat eventwalment jiżgiċċa mir-responsabblita kriminali tiegħu – dina hija prassi kundannabbli.

65. Kif qalet dina l-Qorti, kif ppresjeduta, fil-każ **Morgan Onuorah vs Avukat Ġenerali** deċiża fil-15 ta' Lulju 2020

> *Dina l-prassi hija waħda skonċertanti u abbużiva għall-aħħar u l-Qorti tikkundanna bl-ebda riserva l-abbuż sfaċċat ta' proċedura daqstant importanti u solenni, bħalma hija dik ta' lezzjoni konstituzzjonali.*

66. Għalhekk, fil-każ odjern, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' illi, filwaqt li tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti, tiddikjara il-lanjazi mqajjma minnu bħala **<u>frivoli u vessatorji</u>**, u għalhekk japplika dettam tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**<u>Tilqa' l-eċċezzjonijiet</u>** kollha ta' l-intimat, u għalhekk;

**<u>Tiċħad it-talbiet kollha</u>** tar-rikorrent kif kontenuti fir-rikors promotur u sussegwentement emendati kif fuq spjegat u tiddikjarahom bħala lkoll **<u>frivoli u vessatorji</u>**;

Spejjeż kollha jkunu a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur